

# Is-Surmast Ġużeppi Caruana

## Il-Kompożitur Speċjali tal-Innijiet Sagri f'Pajjiżna fl-Arkivju tal-Banda San Filep, Caruana għandu Innu Kbir għad unur San Filep

**Kitba ta' Peter Paul Ciantar**

Jiena wieħed minn dawk li jaffaxxinawni ħafna l-innijiet sagri ta' Ġużeppi Caruana. Meta nsemmi lis-Surmast Ġużeppi Caruana, miegħu nkun qed insemmi lill-poeta Nazzjonali Mons Karm Psaila, għax ma' Mons Psaila, Caruana tista' tgħid li kkompona l-innijiet sagri tant popolari fil-Gżejjer Maltin.

Inkitbu ħafna innijiet sagri f'pajjiżna, iżda fl-opinjoni tiegħi l-ebda wieħed minnhom ma jista' jiżboq l-innijiet ta' Caruana. Innijiet bħal 'Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema', 'Tina l-Ħlewwa tal-Ilsna tas-Sema', 'Fil-Ħlewwa ta' Mejju', 'Reġa' Sebaħ ja Mulejja' u tant u tant oħrajn, ipaxxu l-widna u l-qalb u jimlewk b'devozzjoni .

Jiena nitpaxxa nisma' 'Riesaq il-lejl Mulejja' speċjalment fix-xhur sajfin .... għax fih nara l-ġrajja ta' ġurnata tnin bil-mod il-mod u bħalma jgħid il-poeta Dun Karm f'dan l-innu, inkun qed nistenna l-wegħda tal-mistrieħ. Peress li nkunu qegħdin fix-xhur sajfin, allura bħalma jgħid ukoll il-poeta f'dan l-istess innu 'ġa beda s-sema jħammar, fi nżul ix-xemx sabiħ.' Dawn il-versi u oħrajn li nsibu f'dan l-innu, mirquma b'sengħa kbira minn poeta-saċerdot, jiżżewġu ma' melodija mill-aqwa li tintrabat sewwa ma' dan ix-xenarju Malti ta' żminijiet mgħoddija.

Naturalment meta wieħed jitkellem dwar l-innijiet sagri tas-Surmast Ġużeppi Caruana allura f'moħħu jkollu wkoll il-famuż Innu Ewkaristiku 'T'Adoriam Ostia Divina', miktub għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta fl-1913. Dan l-innu trid tagħtih importanza fil-kitba ta' Caruana għall-fatt li dan l-innu tant kien ingħoġob, li ħafna mir-rappreżentanti li kienu Malta għal dan il-Kungress Ewkaristiku ħaduh f'pajjiżhom u għalhekk għadu jitkanta sal-ġurnata tal-lum b'ilsna differenti. Dan huwa innu verament Internazzjonali.

Jiena nħossni kburi li f'Ħaż-Żebbuġ, raħal twelidi, għandna wieħed mill-isbaħ innijiet tiegħu… l-Innu Popolari lil San Filep t'Agira. Fil-festa ta' San Filep, kull Żebbuġi jħoss jiġri fil-vini tiegħu d-demm ibaqbaq, (b'element qawwi ta' patrijottiżmu Żebbuġi), mad-daqq u l-kant ta' dan l-innu ta' Ġużeppi Caruana u l-versi tal-poeta Dun Karm li kien ukoll Żebbuġi. Dan l-istess diskors ukoll jista' jingħad għall-Beltin Dumnikani li għalihom is-Surmast Caruana, (li għal ħafna snin kien joqgħod fl-inħawi ta' San Duminku l-Belt), kitbilhom il-famuż Innu ta' Kalaroga, ukoll fuq versi tal-poeta Dun Karm Psaila.

Minbarra innijiet sagri, is-Surmast Caruana li kien organista tajjeb ħafna, (u fuq l-orgni kien jikkomponi l-innijiet tiegħu), ikkompona wkoll xogħlijiet mużikali oħra kbar, dejjem fuq linja sagra. Jiena darba smajt quddiesa tiegħu ddedikata lil Santa Ċeċilja, il-Patruna tal-Mużika. F'Ħaż-Żebbuġ ukoll, il-Każin Banda San Filep għandhom fl-arkivji mużikali tagħhom innu prezzjuż ħafna ta' Caruana.

Oriġinalment dan l-innu l-Kbir huwa għal tenur, kor tat-tfal u orkestra, u kien indaqq

għall-ewwel darba f'Mejju tal-1920. Is-Sur John Gafà l-arkivista tal-każin banda San Filep qalli li dan l-innu lil San Filep t'Agira għandu wkoll versi bit-Taljan ta' Dun Karm Psaila; l-istess versi ta' Dun Karm qegħdin ukoll fl-innu l-Kbir għad unur San Filep; dan ikkomponieh Orlando Crescimmanno meta dan kien surmast tal-Banda San Filep. Jidher li dan l-innu l-Kbir ta' Caruana (l-innu lil San Filep) sarlu arranġament għall-banda . Ta' min wieħed jisimgħu fil-festa tagħna.

Dan il-bravu Surmast Malti Ġużeppi Caruana, minkejja li miet żgħir ta' 51 sena, forna r-repertorju tal-knejjes tagħna b'innijiet verament immortali.

## Mużiċist Belti

Ġużeppi Caruana twieled il-Belt Valletta, f'Ġunju tas-sena l880. Studja l-mużika ta' età żgħira mal-famuż Surmast Paolino Vassallo li għallmu wkoll il-vuċi. Fil-fatt, Caruana kien f'diversi korijiet fis-sezzjoni tat-tenuri… iżda l-ġenituri tiegħu dejjem xtaquh li jkun kompożitur u direttur tal-orkestra .

Minn età żgħira Caruana deher li kellu jkun kompożitur b'saħħtu. Fl-1901 huwa kkompona *O Del Ciel Gran Regina*… innu sagru lill-Madonna. Dan l-innu mill-ewwel sar popolari. *Il-Motu Proprio* tal-Papa Piju X kien ta' għajnuna kbira biex ix-xogħlijiet mużikali ta' Ġużeppi Caruana jitkantaw iżjed u għalhekk iżidu fil-popolarità tagħhom.

Is-Surmast Ġużeppi Caruana kkompona aktar minn 400 biċċa xogħol ta' mużika sagra, fosthom naturalment l-innu 'T'Adoriam Ostia Divina', (Nadurawk, Ja Ħobz tas-Sema), li kien wieħed mill-innijiet ħafna għal qalb il-Papa Ġwanni Pawlu ll. Dan ġie rrapurtat fl-Osservatore Romano, il-gazzetta uffiċjali tal-Vatikan.

Il-ħidma mużikali tas-Surmast Caruana kienet mifruxa wkoll f'diversi oqsma oħra mużikali: fosthom huwa kien organista f'diversi parroċċi u anke wkoll Maestro di Cappella. Waqqaf ukoll orkestra u kor li kien jagħmel użu minnhom fil-ħtiġijiet mużikali tiegħu.

Is-Surmast Ġużeppi Caruana kien iħobb ħafna ċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi, partikolarment dawk ta' dehra nazzjonali. Fil-fatt fl-1931, meta Caruana kien sejjer mid-dar tiegħu f'San Ġiljan lejn il-Fosos tal-Furjana għall-Festa ta' Kristu Re, huwa ħassu ħażin. Huwa miet ftit wara, fil-21 ta' Novembru 1931. Malta tilfet il-kompożitur tal-aqwa innijiet sagri.



Is-Surmast Ġużeppi Caruana

Patrimonju Reliġjuż